MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 903/2014

**Michael Sciberras u David Sciberras**

**ezercjenti l-kummerc bl-isem**

**Benny Sciberras Importer and Wholesaler**

**vs**

**Ta’ Natu Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-17 ta’ Ottubru 2014 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-Fatti:-

1. Illi r-rikorrenti ghandhom negozju tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti ghall-konsum;

2. Illi r-rikorrenti ghandhom jiehdu minghand is-socjeta intimata s-sornrna ta' tlettax-il elf disa' mija tnejn u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€13,952.41) rapprezentanti bilanc fuq il-prezz ta' merce lilha issuplita u kkunsenjata fuq inkarigu taghha;

Raguni tat-Talba:-

3.Illi minkejja Ii s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas ta' dan il-bilanc dovut, inkluz b'ittri legali u "statement of account" mibghut regolarment, hija baqghet inadempjenti (kopja taI-"statement of account" hawn esebit u mmarkat Dok "BS1");

4. Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u ghalhekk jezistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza billi sa fejn jafu r-rikorrenti s-socjeta intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq;

Talbiet:-

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u b'dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf disa' mija tnejn u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€13,952.41), liema ammont jirrapprezenta l-bilanc fuq il-prezz ta' merce issuplita lis-socjeta intimata u kkunsenjata lill-istess fuq inkarigu taghha, u dan skond l-"statement of account" kif inghad fuq;

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Michael Sciberras, direttur tas-socjeta Benny Sciberras Importer and Wholesaler fejn ikkonnferma li l-ammont dovut lil atturi ghadu sallum mhux imhallas;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil atturi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija tnejn u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€13,952.41), rapprezentanti bilanc fuq il-prezz ta' merce issuplit lis-socjeta intimata u kkunsenjat lill-istess socjeta fuq inkarigu taghha, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------